



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 24 ta' Lulju 2012 (25.07)
(OR. en)**

12895/12

AGRILEG 118

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	17 ta' Lulju 2012
lil:	Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	D021273/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal aċibenżolar-S-metil, amisulbrom, ċjażofammid, diflufenikan, dimossistrobina, metossifenożid u nikotina f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni D021273/02.

Mehmuż: D021273/02



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANCO/11703/2012 Rev. 1
(POOL/E3/2012/11703/11703R1-
EN.doc) D021273/02
[...](2012) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' **XXX**

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew
u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal aċibenżolar-S-metil,
amisulbrom, ċjażofammid, diflufenikan, dimossistrobina, metossifenożid u nikotina
f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal aċibenżolar-S-metil, amisulbrom, ċjażofammid, diflufenikan, dimossistrobina, metossifenożid u nikotina f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-aċibenżolar-S-metil, iċ-ċjażofammid u l-metossifenożid il-livelli massimi tar-residwi (maximum residue levels - MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għall-amisulbrom, id-diflufenikan, id-dimossistrobina u n-nikotina, l-MRLs ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Fil-kuntest ta' proċedura, għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva aċibenżolar-S-metil fuq il-ħass u pjanti oħra tal-insalata inklużi l-*Brassicaceae* tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għall-emendi tal-MRLs eżistenti.
- (3) Fir-rigward tal-amisulbrom, tali applikazzjoni tressqet għat-tadam, il-brunġiel u l-ħass. Fir-rigward taċ-ċjażofammid, tali applikazzjoni tressqet għall-għerq mustarda (*Armoracia rusticana*). Fir-rigward tad-diflufenikan, tali applikazzjoni tressqet għaż-żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt. Fir-rigward tad-dimossistrobina, tali applikazzjoni tressqet għas-segala, iż-żerriegħa tal-mustarda u ż-żerriegħa tal-ġirasol. Fir-rigward tal-metossifenożid tali applikazzjoni tressqet għall-ħaxix bil-weraq u għall-ħxejjex aromatiċi friski (għajr l-iscarole, il-weraq tad-dielja, il-krexxuni tal-ilma u l-witloof).

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

- (4) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dawn l-applikazzjonijiet ġew evalwati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' evalwazzjoni ngħaddew lill-Kummissjoni.
- (5) Fir-rigward tan-nikotina fil-faqqiegħ selvaġġ, ġew stabbiliti MRLs temporanji b'kundizzjoni li dawn l-MRLs jiġu riveduti fuq il-bażi tal-evalwazzjoni ta' dejta u informazzjoni ġodda, inkluża kull evidenza xjentifika dwar l-okkorrenza jew il-formazzjoni naturali tan-nikotina fil-fungi selvaġġi. Il-Kummissjoni rċeviet dejta u informazzjoni ġodda mill-operaturi Ewropej tan-negozju tal-ikel, li jikkonfermaw il-preżenza tan-nikotina fil-faqqiegħ selvaġġ f'livelli li huma kompatibbli mal-MRLs attwali. Madankollu, għad mhijiex disponibbli l-evidenza xjentifika li turi li n-nikotina tinstab b'mod naturali fil-faqqiegħ selvaġġ u biex jiġi spjegat il-mekkaniżmu tal-formazzjoni tagħha. Għalhekk, id-deċiżjoni ta' ġestjoni li ttieħdet fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali (SCoFCAH) fil-11 ta' Mejju 2009 fir-rigward tal-livelli stabbiliti fil-faqqiegħ selvaġġ għal sentejn għadha valida, għalkemm huwa xieraq li tiġi estiża l-validità ta' dawn l-MRLs għal sentejn oħra, sakemm issir disponibbli tali informazzjoni.
- (6) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", ivvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni, u eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali u tat opinjonijiet motivati dwar l-MRLs proposti.² Għaddiet dawn l-opinjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u poġġiethom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
- (7) Fir-rigward tal-applikazzjonijiet l-oħra kollha, l-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kollha fir-rigward tad-dejta ġew issodisfati u li, fuq il-bażi ta' stima tal-esponiment tal-konsumatur li saret għal 27 grupp speċifiku Ewropew tal-konsumatur, l-emendi għall-MRLs mitluba mill-applikanti kienu aċċettabbli mil-lat tas-sikurezza tal-konsumatur. L-Awtorità qieset l-aktar informazzjoni riċenti dwar il-karatteristiċi tossikoloġiċi tas-sustanzi. La l-esponiment tul il-ħajja għal dawn is-sustanzi permezz tal-konsum tal-prodotti kollha tal-ikel li jista' jkun fihom dawn is-sustanzi, u lanqas l-esponiment għall-perjodu qasir minħabba konsum estrem tal-għelejjel u l-prodotti rilevanti ma wrew li kien hemm riskju li jinqabeż il-konsum aċċettabbli ta' kuljum (acceptable daily intake - ADI) jew id-doża ta' referenza akuta (acute reference dose - ARfD).

²

Ir-rapporti xjentifiċi tal-EFSA disponibbli online: <http://www.efsa.europa.eu>.

European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the modification of the existing MRL for acibenzolar-S-methyl in lettuce and other salad plants including Brassicaceae . EFSA Journal 2012; 10(3):2632.

European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the setting of new MRLs for amisulbrom in tomatoes, aubergines and lettuce. EFSA Journal 2012;10(4):2686. [29 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2686.

European Food Safety Authority; Reasoned Opinion on the modification of the existing MRL for cyazofamid in horseradish. EFSA Journal 2012;10(3):2647. [22 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2647.

European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the modification of the existing MRLs for diflufenican in olives for oil production. EFSA Journal 2012;10(3):2649. [23 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2649.

European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the modification of the existing MRLs for dimoxystrobin in rye, sunflower seed and mustard seed. EFSA Journal 2012;10(3):2648. [28 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2648.

European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the modification of the existing MRLs for methoxyfenozide in various leafy vegetables. EFSA Journal 2012;10(4):2667. [30 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2667.

- (8) Fuq il-bażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità, u b'kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti għas-suġġett li qed jiġi kkunsidrat, l-emendi rilevanti fl-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (9) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri sabbiġi f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġu emendati kif ġej:

- (1) Fl-Anness II, il-kolonna għall-aċibenżolar-S-metil, iċ-ċjażofammid u l-metossifenożid huma sostitwiti b'dan li ġej:

[Għall-ġurnal uffiċjali: daħħal it-tabella tal-Anness II attwali];

- (2) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

- (a) Il-Parti A hija emendata kif ġej:

- (i) il-kolonna għall-amisulbrom, id-diflufenikan, id-dimossistrobina u n-nikotina huma sostitwiti b'dan li ġej:

[Għall-ġurnal uffiċjali: daħħal it-tabella tal-Anness IIIA attwali];

- (b) Fil-Parti B, il-kolonna għall-aċibenżolar-S-metil, iċ-ċjażofammid u l-metossifenożid huma sostitwiti b'dan li ġej:

[Għall-ġurnal uffiċjali: daħħal it-tabella tal-Anness IIIB attwali];